MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Talba Numru. 831/2005

**Comm. Lifts and Serv. Limited (C-18080)**
**vs**
**Joanna Portelli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 t'April, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disgha u disghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm299.84), u fejn intqal :**
**Illi s-socjeta` attrici fuq inkarigu ta' missier il-konvenuta, illum decujus, irrendiet servizzi konsistenti f'tiswija ta' lifts fil-fond 19/2 Tigne Seafront, Sliema.**
**Illi l-konvenuta, eredi ta' missierha, naqset milli thallas dan l-ammont u ghalkemm beitament interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas, baqghet inadempjenti.**

**Illi ghaldaqstant is-socjeta` attrici tinstab kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' mitejn u disgha u disghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm299.84).**
**Ghaldaqstant is-socjeta` attrici talbet li t-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' mitejn u disgha u disghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm299.84) u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici dan l-ammont.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-19 ta' Settembru, 2003, l-14 ta' Dicembru, 2003, l-14 ta' Jannar, 2004 u t-2 ta' Settembru, 2004 u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura.**
**Il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta fit-3 ta' Mejju, 2005, fejn intqal :**
**i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dana peress illi l-attur ghamel xogholijiet fuq il-lift minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-esponenti u minghajr ma ssottometta « quotation » kif kien gie mitlub li jaghmel.**
**ii. Bla preguidizzju ghall-premess, is-socjeta` attrici ma ghamlitx ix-xoghol li qed tghid li ghamlet.**
**iii. Ukoll bla pregudizzju ghas-suespost, il-kont huwa eccessiv u gie « inflated ».**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Camilleri, Joanna Portelli, Michael Pisani, Anthony Miceli Demajo, Claudio Camilleri, Bernard Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz huwa ghall-hlas ta' kont ta' tiswija ta' lift fil-fond 19/2 Tigne Seafront, Sliema. Il-konvenuta tghid li hi qatt ma awtorizzat ix-xogholijiet u lanqas ma nghatat stima ta' kemm ser jiswew.**
**2. Victor Camilleri, ghas-socjeta` attrici spjega li s-socjeta` attrici kienet tiehu hsieb il-manutenzjoni tal-**

**lift fil-blokk t'appartamenti fejn jinsab il-fond tal-konvenuta. Inqala htiega ta' tiswija urgenti, inghatat stima ta' kemm ser jiswew ix-xogholijiet, u inghataw risposta, inkluza dik ta' missier il-konvenuta. Pero` fil-kontro-ezami l-istess Camilleri jghid li : « Quotation ma stajtx nibghat peress illi jiena diga kont kellimt lil missier il-konvenuta. ». L-attur jghid ukoll li lill-konvenuta baghtilha l-quotation (Dok.VC4) u l-kont flimkien. Inoltre Camilleri jikkonferma li ma sarx mutur gdid, izda sar xoghol fuq il-gear box.**

**3. Skond Camilleri, meta kellem lill-missier il-konvenuta kien accetta li jhallas. L-attur spjega li kien hemm tlett klijenti li hallsu u fadal l-ammont tal-konvenuta u ta' tnejn ohra.**

**4. Bhala xoghol jghid li zarmaw il-mutur, nizzluh, haduh l-inginjearija, bidlulu l-crown wheel, il-bearing u l-pinnijiet, il-gaskets u z-zejt. Regghu tellugh sitt sulari u armawh. Baqa' bil-housing l-antik. Claudio Camilleri, impjegat mas-socjeta` attrici, jikkonferma li l-lift kellu hsara estensiva, u li mhux il-mutur kollu inbidel izda diversi partijiet tal-mutur u tal-gearbox. L-istess Claudio Camilleri jghid li : « …sibt illi kien hem mit-thrust bearing gewwa l-gearbox kien imkisser u beda jiccaqlaq is-shaft…. » Wara li saru t-tiswijiet, Claudio Camilleri jghid li l-lift hadem sew, pero` seba' xhur wara kellu jerga jmur fuq il-post ghax il-lift waqaf.**

**5. Il-konvenuta tichad li qatt irceviet quotation Dok.VC4, filwaqt li tikkonferma li rceviet il-kont Dok.VC2. Hi tghid li kien sar rewinding tal-mutur. Hi tghid li kien cemplilha Michael Pisani, wiehed mill-proprjetarji u qalilha biex ma thallasx lill-attur, ghax ma sarx mutur gdid u kellu jitqabbad haddiehor. Dana hu konfermat minn Pisani. Tghid li rewinding jiswa erba' mitt lira (Lm400.00) filwaqt li mutur gdid jswa elf u sitt mitt lira (Lm1600.00).**

**6. Pisani jikkonferma li l-ftehim mal-attur kien li jsir mutur gdid. Pero l-balla tal-mutur baqghet fuq il-bejt (ritratt Dok.MP1). Pisani jghid li l-attur hadem fuq il-mutur fuq gewwa. Apparti minn dan jghid li ma nghatax quotation.**

**7. It-Tribunal jinnota li l-istess Pisani, wara l-ilmenti kollha tieghu, xorta hallas lill-attur.**
**8. Fl-istess sens, Anthony Miceli Demajo xehed li l-ftehim kien li jitnehha l-mutur l-antik u jigi installat mutur gdid. Dana hallas ukoll l-ammont rekalamat. Rilevanti li Miceldi Demajo jghid li qatt ma ra l-quotation Dok.VC4.**
**9. Bernard Farrugia , li ghandu wiehed mill-flats, jikkonferma li qatt ma rcieva quotation dwar it-tiswijiet.**
**10. Minn dawn ix-xhieda jirrizulta li tassew is-socjeta` attrici ma kienetx ghaddiet quotation dwar kemm kienu ser jiswew it-tiswijiet, u f 'dan is-sens il-konvenuta kienet gustifikata li tilmeta, anke jekk kien hemm proprjetarji ohra li accettaw li jhallsu. Il-konvenuta kellha kull dritt tkun taf kemm ser jigu l-ispejjez tar-riparazzjoni.**
**11. Apparti minn dan jirrizulta li kien hemm definitivament malintiz meta sar id-diskors dwar ir-riparazzjoni peress li s-socjeta` attrici irriferiet ghall-mutur gdid. Dana gustament ta' x'jifhem lis-sidien li tassew ser ikollhom mutur gdid u mhux li jigi zarmat u riparat il-mutur il-qadim kif fil-fatt sar. B'konsegwenza ta' dan, il-mutur riparat hadem biss ghal seba' xhur. F'dan ir-rigward iben l-attur jghid li l-lift kien waqaf kawza tax-xita qalila, pero` dwar din l-allegazzjoni ma hemm ebda prova u ghalhekk ghandha tigi skartata.**
**12. Tenut kont tac-cirkostanzi, u li bit-tiswijiet li saru l-lift hadem biss ghall seba xhur, hi gustifikata l-konvenuta li tirrifjuta li thallas l-ammont shih. It-Tribunal iqies li fic-cirkostanzi il-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00), u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00) bl-imghaxijiet dekoribbli mill-lum.**
**Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------